

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > [Notifika Ta' Dokumenti](#) > [Scotland](#)

## Notifika ta' dokumenti

Skozja

Skozja

### L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmettaturi

L-aġenziji li jirċievu huma l-uffiċjali ġudizzjarji (messengers-at-arms). Għal lista ta' uffiċjali ġudizzjarji (messengers-at-arms) jekk jogħġbok ara s-sit web tas-Society for Messengers-at-Arms and Sheriff Officers (SMASO): [SMASO](#)

### L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

L-aġenziji li jirċievu huma l-uffiċjali ġudizzjarji (messengers-at-arms). Għal lista ta' uffiċjali ġudizzjarji (messengers-at-arms) jekk jogħġbok ara s-sit web tas-Society for Messengers-at-Arms and Sheriff Officers (SMASO): [SMASO](#)

### L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti

Id-dokumenti jintbagħtu bil-faks u bil-posta.

### L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

L-Ingliż.

### L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

Scottish Government (il-Gvern Skoċċiż)

Central Authority & International Law Team

St. Andrew's House (GW15)

Edinburgh

EH1 3DG

Tel.: +44 131 244 4829

Faks: +44 131 244 4848

Indirizz elettroniku: [Finbarr.Lee@gov.scot](mailto:Finbarr.Lee@gov.scot)

### L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti

Il-formoli għandhom jintbagħtu bl-Ingliż.

L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Ir-Renju Unit għandu l-intenzjoni li jidderoga minn dawn id-dispożizzjonijiet fuq il-bażi li l-kumplessitajiet tad-dritt tiegħu dwar it-termini u l-perjodi ta' preskrizzjoni jiġu sempliċement aggravati minn dan l-Artikolu. Huwa importanti li d-data tan-notifika tkun tista' tiġi identifikata b'ċertezza peress li din tiddetermina ż-żmien minn meta parti tkun tista' titlob li tingħata sentenza fil-kontumaċja. Ir-Renju Unit ma jqisx li t-tifsira preċiża ta' din id-dispożizzjoni, u t-tħaddim tagħha fil-prattika, huma ċari biżżejjed; għaldaqstant jistgħu jżidu l-possibbiltà ta' konfużjoni. Għaldaqstant huwa jemmen li din il-kwistjoni għandha titħalla għad-dritt nazzjonali, tal-inqas sakemm ikollu l-opportunità jevalwa kif taħdem fil-prattika fi Stati Membri oħrajn wara l-implimentazzjoni tar-Regolament.

## L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Minbarra l-Ingriż, ir-Renju Unit jaċċetta ċertifikati mimlija bil-Franċiż.

## L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz

L-ispejjeż għan-notifika mill-Uffiċjali Ġudizzjarji (Messengers-at-Arms): (i) £142,51 għal notifika personali; u (ii) £45,40 għal notifika bil-posta. Bħala kjarifika, dawn l-ispejjeż għan-notifika bil-posta ma japplikawx għas-servizz tal-posta taħt l-Artikolu 14. Il-VAT tiġi miżjuda ma' dawn l-ispejjeż.

## L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

L-Iskozja ma toġġezzjonax għall-eżerċitar fit-territorju tagħha tad-dritt mogħti mill-Artikolu 13(1).

## L-Artikolu 15 - Servizz dirett

L-Iskozja ma toġġezzjonax għall-possibbiltà ta' notifika diretta prevista mill-Artikolu 15(1).

## L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri

Skont id-dispożizzjoni eżistenti tal-Konvenzjoni tal-Aja, il-qrati fl-Iskozja, minkejja l-paragrafu 1, jistgħu jagħtu deċiżjoni jekk il-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 2 ikunu ġew issodisfati.

Il-perjodu ta' żmien li fih jista' jiġi akkolt rikors għal eżenzjoni previst mill-paragrafu 4, wara li tkun ingħatat id-deċiżjoni:

Mhux aktar tard minn sena mid-data tad-digriet - dan ikun konformi mal-Konvenzjoni tal-Aja u huwa l-perjodu inkorporat fir-regoli tal-qrati fl-Iskozja.

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.